15. PROTOKOLL DWAR ĊERTI KOMPITI TAL-BANK NAZZJONALI TAD-DANIMARKA

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

BIX-XEWQA li jsolvu ċertu problemi partikolari li jirrigwardaw id-Danimarka,

FTEHMU dwar id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jiġu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa:

Artikolu uniku

L-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew ma jolqotx id-dritt tal-Bank Nazzjonali tad-Danimarka li jwettaq il-kompiti eżistenti tiegħu rigward dawk it-territorji tad-Danimarka li mhumiex parti mill-Unjoni.